# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Novembru 2015**

**Kawza Numru : 42**

**Rikors Numru : 34/2008/JPG**

**Paola Galea (I.D. 207039M)**

**VS**

**Paul Camilleri (I.D. 0050179M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tal-attrici Paola Galea tal-14 ta' Jannar 2008 li jaqra hekk:

1. *Illi fit-28 t'April, 2007 ghall-habta tas-7pm, fil-Pjazza ta' San Pawl ossia Triq Santa Rita, Rabat l-esponenti, waqt li kienet qed taqsam it-triq, sfat imtajra mill-vettura tal-ghamla 'Lada Samara' bin-numru ta' registrazzjoni 'AAU-096', misjuqa mill-konvenut, liema vettura fil-mument tal-incident kienet qed tinsaq bir-reverse.*

2. *Illi dan l-incident sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.*

3. *Illi b'rizultat ta' dan l-incident l-esponenti garrbet danni ingenti konsistenti anke f'debilita' permanenti oltre ghal danni materjali ohra.*

4. *Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha sofferti mill-esponenti izda huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kella ssir din il-kawza.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

(i) *tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall- incident li sehh fit-28 t'April, 2007 ghall-habta tas-7pm, fil-Pjazza ta' San Pawl ossia Triq Santa Rita, Rabat meta l-esponenti sfat imtajra mill-vettura tal-ghamla 'Lada Samara' bin-numru ta' registrazzjoni 'AAU-096' misjuqa mill-konvenut, u ghad-danni kollha li garrbet l-attrici bhala konsegwenza tal-istess incident;*

(ii) *tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici bhala konsegwenza tal-incident in kwistjoni, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u*

(iii) *tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attrici dak l-ammont li jigi likwidat u dikjarat lilha dovut in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali li ghandha tigi prezentata ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat illi ir-rikors promotur, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill- intimat;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Paul Camilleri tal-5 ta'Frar 2008, (a fol. 16) li taqra hekk:

1. *L-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo gara unikament htija tal-istess rikorrenti.*

2. *It-tieni talba tar-rikorrenti ghandha ghalhekk tkun rigettata stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti. Fi kwalunkwe kaz u bla*

*pregudizzju ghall-premess, il-pretensjoni tar-rikorrenti li konsegwenza tal-incident hija garrbet debilita' permanenti hija kontestata u ghaldaqstant ir-rikorrenti ghandha taghmel il-prova tad-danni skond il-ligi.*

3. *It-tielet talba tar-rikorrenti ghandha tkun michuda billi l-esponent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas ebda danni lir-rikorrenti.*

4. *Salvi eccezzjonijiet ohra permessi"*

Rat id-digriet tas-6 ta' Marzu 2008 fejn il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil Dr. Marco Ciliberti bhala Perit Legali (a fol.30);

Rat id-digriet tad-9 t'Ottubru 2008 fejn il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil Mr. Massimo Abela bhala Perit Mediku (a fol.47);

Rat ir-rapport mediku ta' Mr. Massimo Abela bhala Perit Mediku prezentat fis-16 ta' Frar 2009 u mahluf fl-20 t'April 2009(a fol. 74 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici tal-15 ta' Marzu 2013 (a fol. 139 et seq.);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti prezentat fis-6 ta' Frar 2014 u mahluf fit-23 ta' Settembru 2014 (a fol. 165 et seq.);

Rat in-nota tal-attrici tas-19 ta' Jannar 2015 li permezz taghha pprezentat id-domandi in eskussjoni lil Perit Legali Mr. Marco Ciliberti (a fol. 273);

Rat ir-risposti ghad-domandi in eskussjoni;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici tas-16 t'April 2015 (a fol. 281 et seq.);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-intimat Paul Camilleri tas-7 ta’ Lulju 2015 (a fol. 296 et seq.);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tad-9 ta’ Lulju 2015, li fih l-Avukati difensuri ddikjaraw li ma kellhomx trattazzjoni x’jaghmlu u rremettew rwiehom ghan-noti u repliki taghhom;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fit-28 ta' April 2007 is-sinjura Paola Galea harget mil-knisja parrokjali tar-Rabat u qabdet mixja lejn hanut biex tixtri. Kien hemm karrozza mal-genb tat-triq, ipparkjata fuq *double yellow line*. Ix-xufier ta' din il-karozza saq lura u laqat lis-sinjura Galea fuq wara. Mad-daqqa is-sinjura Galea waqghet mal-art, habtet rasa, u l-ispalla u l-id tax-xellug mal-art. Garrbet ferita fuq l-ghajn tax-xellug. Fuq il-post gew il-pulizija u gie ukoll ir-ragel tat-tifla taghha li ha lis-sinjura Galea l-Emergenza, fl-isptar San Luqa. Fl-Emergenza ghamlulha ezami mediku, ghamlulha punti fuq il-ferita li kellha fuq l-ghajn tax-xellug u hadulha 'Xrays' ta' rasha u l-ispalla tax-xellug. Qalulha li ma kelliex ksur u baghtuha d-dar. L-ghada kellha terga tmur l-Emergenza tant kellha ugigh fl-ispalla. Tawha injezzjoni u regghu baghtuha d-dar. Ghamlet tlett gimghat tghix ghand it-tifla ghax ma setghetx tkampa wahedha d-dar. Ghamlet ukol tlett xhur tmur ghal fizjoterapija, darba fil-gimgha. Minhabba l-fatt li baqghet muguha marret ukol ghand specjalistatal- ghadam (*orthopaedic surgeon*). Dan qallha biex tiehu pilloli ta' l-ugigh.

L-attrici ghadha tilmenta minn ugigh u ebusija fl-ispalla tax-xellug.L-ugigh huwa kostanti u jizdied meta tharrek l-ispalla. L-ugigh ma jqajjimiex bil-lejl. L-attrici ssostni li ma tiflahx terfa l-id tax-xellug il-fuq mill-ispalla. Ghaldaqstant ma tistax tonxor il-hwejjeg fuq habel gholi, u ghandha problemi biex tilbes, tinhasel, taghmel xaharha u x-xoghol tad-dar. Thoss ukoll ugigh mil-minkeb ghal gol-polz tax-xellug l-iktar meta taghmel il-facendi. Ma ghandiex tnemnim f idejha. Sostniet li qabel kienet tiehu pjacir thit u tahdem is-suf u li issa m'ghadiex kapaci.

L-attrici kienet pensjonanta li tghix wahedha. Hija tbati mill-pressjoni, zokkor u tiehu l-warfarina biex traqqaq id-demm.

L-ezami mediku ezegwiet mill-Espert mediku il-Konsulent Massimo Abela fuq l-ghonq, il-minkbejn, il-polzijiet u s-swaba ma wera l-ebda limitazzjoni fil-movimenti. Ezami newrologiku tad-dirghajn kien normali.

L-ezami tal-ispalla tax-xellug wera movement limitat u cioe', *Elevation* $80^o$, *internal rotation to left buttock, external rotation* $20^o$.

L-espert Mediku sab sahha normali fil-muskoli tal-ispalla inkluz il-muskoli maghrufin bhala *rotatorcuff muscles*.

**L-Xrays tas-sinjura Galea ma' nstabux.**

Il-Perit Mediku kkonkluda li l-attrici Paola Galea garrbet kontuzjoni tal-ispalla tax-xellug. Ghalkemm din il-kontuzjoni ma waslitex ghal ksur ta' ghadam, wasslet ghal ebusija fil-gog u l-muskoli ta' l-ispalla. Din l-ebusija qeghdha twaqqaf lill-attrici milli tuza d-driegh tax-xellug b'mod normali u qeghdha tkun ta' limitazzjoni ghal numru ta' attivitajiet ta' kuljum. Ghaddew il-fuq minn sena u nofs mill-incident u l-ebusija ghada ma marretx. Ghaldaqstant il-possibilita li din l-ebusija tmur fil-futur hija zghira hafna.

Il-Perit Mediku kien tal-fehma li attrici kellha d-dizabilita permanenti ta' 10% (ghaxra fil-mija) – Vide rapport mediku a fol. 75 et seq..

L-attrici Paola Galea xehedet permezz ta'affidavit a fol.22, li fih spjegat illi fil-jum tas-Sibt 28 ta'April 2007 hija harget mill-bieb tal-genb tal-Parocca ta' San Pawl ir-Rabat ossia minn naha ta' Triq il-Kullegg u mxiet lejn il-pjazza fejn sussegwentement qasmet minn naha tal-posta ghan-naha l-ohra tat-triq fl-inhawi fejn tinstab cafetteria bl-isem San Paolo. Tghid li qabel qasmet it-triq hija harset iktar minn darba biex tara kienux gejjin karozzi u tghid li taf b'certezza illi qabel qasmet rat il-vettura misjuqa minn Paul Camilleri ghadejja lejn id-direzzioni tal-Parocca u li din kienet waqfet bil-

magna mitfija fil-genb, *double-parked* madwar tnax-il metru l-fuq mill-*cafeteria* San Paolo. Hekk kif kienet certa li ma kienux ghaddejjin karozzi hija qasmet izda kif qabzet nofs it-triq ftit passi boghod mill-karozzi parkeggjati quddiem *cafeteria* San Paolo hasset daqqa fuq gembejha li lanqas irrealizzatli kienet minn karozza stante illi lanqas kienet ratu. Izzid tghid illi bid-daqqa hija nstabtet ma' l-art lejn nofs it-triq u kienet semghet lin-nies jghajtu biex il-karozza tieqaf. Tghid illi hija kellha ugigh kbir fl-id ix-xellugija.

In kontro-ezami Paola Galea  Seduta 24 ta'Novembru 2010 tghid illi peress illi t-triq li fiha sehh l-incident hija triq dritta, hija kellha vizwali tajba tat-triq. Hija ssostni li hija kienet qeghda taqsam minn naha tal-ghassa ghan-naha l-ohra tat-triq faccata tar-*restaurant* La Piazza. Mistoqsija ghaliex ma kienetx uzat il-*pelican lights* biex taqsam l-attrici qalet li solitament minn fejn qasmet hi jaqsmu n-nies. Hija ssostni wkoll illi lill-konvenut kienet ratu gej u li hija bdiet taqsam it-triq meta kienet certa li l-konvenut kien ghadda u li ma kienux ghaddejjin karozzi u tghid ukoll illi waqt li kienet qeghda taqsam baqghet thares lejn iz-zewg nahat tat-triq. Tghid ukoll illi hija kienet intlaqtet ftit wara li skorriet il-linja medjana tat-triq.

Illi bhala xhieda l-attrici fil-mertu pproduciet lil:

Elizabeth Bonavia, it-tifla tal-istss attrici li ma hijiex xhud okulari tal-incident a fol.23

Paul Bonavia, ir-ragel ta' Elizabeth Bonavia, li ma huwiex xhud okulari tal-incident a fol. 24

PC1546 Francis Gauci, xehed illi Paola Galea kienet qaltlu li kienet tiela karozza l-fuq fi Triq Santa Rita lejn il-Knisja ta' San Pawl u li dan kien saq lura f’daqqa wahda u laqatha b'wara. Izid jghid illi kien kellem ukoll lill-konvenut Paul Camilleri li kien qallu li huwa kien tiela' fid-direzzjoni tal-pjazza u li peress illi kien hemm *roundabout* li minnha kienet qed taqsam karozza huwa kien regga' lura biex tghaddi u li kien f dak il-hin li laqat lill-attrici. Meta gie mistoqsi kienx ra lil mara l-konvenut kien qallu li huwa u tiela kien ra lill-attrici fil-genb tat-triq u li qabel regga' lura kien hares mill-mera u lill-attrici kien ra, pero imbaghad ma rahiex iktar. Jghid ukoll illi l-incident sehh quddiem *optician* li hemm fit-triq u li kien ivverfika dan. Huwa jghid ukoll illi l-

attrici kienet qed taqsam ninn naha tal-*optician* lejn in-naha ta' l-ghassa u li l-attrici kienet qaltlu li hija kienet wara l-karozzi pparkjat biex taqsam.

P5426 Anthony Portelli li xehed illi l-konvenut, wara li kien ghamel ir-rapport, kien rega' mar l-ghassa fejn talab li b'aggunta ma dak li kien gia tnizzel fir-rapport jitnizzel illi l-attrici kien qasmet minn naha tax-xellug tieghu ghan-naha ta' l-ghassa.

Pauline Bugeia li merament xehdet fejn kienet qeghda hi fil-hin ta' l-incident, izda ma hijiex xhud okulari ta' l-istess

Illi da parti tieghu l-konvenut ressaq bhala provi affidavit tieghu stess flimkien ma' affidavit tan-neputi tieghu li wkoll jgib l-isem ta' Paul Camilleri.

Fl-affidavit tieghu, l-konvenut Paul Camilleri jsostni illi li l-ewwel darba li ra lill-attrici hija kienet fil-karregjata tieghu miexja kontra d-direzzioni tat-traffiku tant illi huwa lill-attrici kien qabizha. Huwa jzid jghid illi kien lemah lin-neputi tieghu Paul Camilleri u kien anke ra post battal, u ghalhekk wara li hares lura fizikament u anke mill-mirja u ra li l-attrici kienet skorriet il-vettura tieghu huwa beda jregga l-vettura lura, madanakollu huwa kien hass daqqa fuq in-naha ta' wara tal- vettura tieghu.

In kontro-ezami l-konvenut jghid illi l-ewwel darba li ra lil attrici huwa kien hdejn il *pelican lights* vicin ta' l-ghassa u li lill-attrici kien qabizha, tant illi biex ghamel dan kellu jmur *wrong side* u cioe fuq il-karreggjata tan-naha ta'l-ghassa. Jghid ill l-attrici kient miexja fil-karregjata tieghu fid-direzzjoni kontra dik li kien qieghed isuq u li f’dak il-hin l-attrici ma kienetx qeghda taqsam it-triq. Huwa jghid illi qabel beda' jirriversja kien hares fil-mirja sabiex jaccerta ruhu illi l- attrici ma kienetx ghada fit-triq, madanakollu kien lemah lill-attrici taqsam it-triq fid-direzzjoni ta' l-ghassa u li beda jirriversja meta ra li l-attrici qasmet il-linja tan-nofs tat-triq.

In-neputi Paul Camilleri jikkorobora din il-verzjoni meta jghid illi l-attrici kienet miexja qalb il-karozzi u mhux fuq il-bankina fuq in-naha tat-triq faccata ta' l-ghassa. Jghid illi kien ra lill-attrici taqsam it-triq lejn id-direzzjoni ta l-ghassa u li wara li din kienet skorriet il-vettura tal-attrici u l-konvenut beda jregga lura, l-attrici kienet regghet dahlet warajh.

In kontro-ezami l-konvenut jghid illi l-ewwel darba li ra lil attrici huwa kien hdejn il-*pelican lights* vicin ta' l-ghassa u li lill-attrici kien qabiza, tant illi biex ghamel dan kellu jmur *wrong side* u cioe fuq il-karreggjata tan-naha ta' l-ghassa. Jghid ill i-attrici kient miexja fil-karregjata tieghu fid-direzzioni kontra dik li kien qieghed isuq u li f'dak il-hin l-attrici ma kienetx qeghda taqsam it-triq. Huwa jghid illi qabel beda' jirriversja kien hares fil-mirja sabiex jaccerta ruhu illi l-attrici ma kienetx ghada fit-triq, madanakollu kien lemah lill-attrici taqsam it-triq fid-direzzjoni ta' l-ghassa u li beda jirriversja meta ra li l-attrici qasmet il-linja tan-nofs tat-triq.

L-attrici pproduciet ukoll bhala xhieda lil Mr. Carmel Sciberras, Dennis Gatt, Miriam Cassar, Saviour Caruana, Geoffrey Formosa u dan fir-rigward tal-kura medika li rceviet jew konsulenza medika li talbet, li ghar-ragunijiet moghtija aktar l-isfel fdin ir-relazzioni, ma hemmx htiega li jigu ezaminati.

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda***

> ***motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti wara li ezaminat u analizzat ir-relazzjoni tal-Perit Legali, taghraf illi ma tistghax takkolji il-maggiorparti tar-rezultanzi minnu raggunti 'l ghaliex ma tistghax tabracca l-apprezzament tal-fatti minnu raggunti.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li wasslu ghal din il-kawza huma li hekk kif l-attrici kienet qeghda taqsam Triq Santa Rita, r-Rabat, hija ntlaqtet mill-vettura misjuqa mill-konvenut Paul Camilleri, b'rizultat ta' liema incident l-attrici Paola Galea soffriet debilita ta' natura permanenti.

Il-konvenut Paul Camilleri instab hati li wettaq reat permezz ta' sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati f'Malta) tat-23 ta' Marzu 2011 esebita bhala Dok. MAA1 – Vide fol. 234 et seq., li fiha dik il-Qorti rriteniet:

> *"Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet il-Pulizija vs Anthony Spiteri:* ***"Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a proper lookout ghall-vejikoli, pedestrians, u road-users ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu."*** *Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni* ***ta' disattenzjoni ta' split second u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati****. (sottolinjar ta-Qorti). Dan hu certament sewqan*

*negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."*

*Illi maghdud dana kollu ghalhekk, l-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm is-sewqan ta'l-imputat certament ma jistax jitqies bhala xi sewqan perikoluz, madanakollu l-Qorti tqis illi l-imputat kien negligenti fis-sewqan tieghu u ma zammx dik il-proper lookout rikjesta mil-ligi. Dana qed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi l-imputat kien lemah lil Galea qabel l-incident. Fil-fatt anke iz-zewg xhieda imressqa minnu raw lil dina Galea. L-imputat ghalhekk ma messu qatt assuma li din kienet qassmet u meta gie sabiex jirriversja messu qaghad aktar attent u hares sewwa sabiex jesplora sew dak kollu li kien hemm warajh qabel ma jaghmel dina l-manuvra inaspettata fi triq daqstant trafikkuza fejn bil-manuvra tieghu seta fixkel in-normal flow of traffic.*

2. *Huwa kemmxejn inverosimili ghalhekk meta l-imputat jghid illi huwa ma rax lil Galea meta kienet tinsab wara il-vettura tieghu jew li din harrgitlu inaspettatament.* ***Kif huwa ben ovvju, l-parti leza hija mara anzjana u mhux xi farfett!*** *Il-movimenti taghha huma limitati u ma jistax ikun illi filli kienet qieghda fuq in-naha tal-lemin tieghu, imbaghad qasmet u f'daqqa wahda regghet harget minn bejn il-vetturi kif isostni hu. X'aktarx illi kienet disattenzjoni momentanja da parti ta'l-imputat illi qabad u irriversja minghajr ma*

> *ivverifika sewwa dak kollu li kien hemm warajh qabel ma ghamel dana.* (Enfasi ta din il-Qorti)

*Illi maghdud dana kollu, madanakollu l-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi f'dana l-incident kien hemm in-negligenza kontributorja tal-vittma wkoll. Pawla Galea, li kif diga inghad hija mara anzjana, iddecidiet li taqsam triq traffikuza meta ftit aiktar 'l isfel jidher illi kien hemm it-traffic lights minn fejn hija setghet taqsam minghajr periklu. Izda l-istess Galea minflok imxiet naqra iktar 'il isfel, iddecidiet li taqsam f'dik il-parti tat-triq l-iktar perikoluza biex b'hekk hija giet milquta mill-vettura ta'l-imputat. Illi li kieku ma kienx perikoluz ghal pedestrians li jaqsmu mill-post fejn qasmet Galea, post li jidher illi jintuza spiss sabiex in-nies jaqsmu t-triq, li kieku it-traffic lights jew il-pedestrain crossing ma kenux isiru iktar 'il isfel fit-triq, izda kienu isiru proprju f'dana il-punt.*

*Madanakollu huwa fatt stabbilit fil-ligi penali illi in-negligenza kontributorja tal-vittma ma tezonerax lis-sewwieq mir-responsabbilta' kriminali. Illi fis-sentenza "Il-Pulizija vs David Rigglesford, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fil-31 ta' Mejju 2005 gie deciz* ***"It is the duty of any driver of a vehicle on land – and equally of the person steering any kind of sea craft – to see what is in plain view" (Criminal Appeal: The Police vs Joseph Vella 10.08.1963) and if a person fails to see what should have been clearly visible, it means that he was not keeping a proper lookout (Criminal Appeal: The Police vs J.M. Laferla 17.06.1961)".***

*Aktar il-quddiem fl-istess sentenza l-Qorti tistqarr is-segwenti ghar-rigward tal-kuncett tan-negligenza kontributorja fil-kamp penali: "***In criminal proceedings the contributory negligence***

***of the victim does not absolve the person causing the damage, bodily harm or death from criminal responsibility unless it is the only cause of that accident. However it may be taken into account for the purpose of punishment".***

Illi din il-Qorti taghraf illi l-konvenut ma ressaq ebda prova impellanti li biha, b'xi modd anke remot, xejjen l-konkluzjonijiet retti tal-Magistrat Edwina Grima, illum Mhallef, anzi x-xhieda tieghu u tan-neputi tieghu turi illi ftit sekondi qabel ma ntlaqtet l-attrici, l-intimat kien qieghed jitkellem man-neputi tieghu.

Din il-Qorti taghraf ukoll kif del resto gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati illi l-attrici kienet tahti ta' negligenza kontributorja ghal kif gara l-incident.

Din il-Qorti tqis illi l-incident sar b'responsabilta' kwantu ghal ¾ tat-tort imputabbli lill-intimat u kwantu ghal ¼ tat-tort imputabbli tal-attrici.

Ghar-regward tad-danni subiti, l-attrici ezebiet l-ircevuti tat-tobba taghha u tal-fizio terapista taghha – Vide Dok. D sa G3 minn fol.25 sa 29 fl-ammont li ser jinghad:

| | | |
|---|---|---|
| LM | 43.46 | a fol. 25 Dok. D |
| LM | 55.00 | a fol. 26 Dok. E |
| LM | 7.28 | a fol. 27 Dok. F1 |
| LM | 5.08 | a fol. 27 Dok. F2 |
| LM | 11.80 | a fol. 28 Dok. G1 |
| LM | 11.80 | a fol. 28 Dok. G2 |
| LM | 11.80 | a fol. 29 Dok. G3 |

LM186.22 ekwivalenti ghal €433.78

Issa sikkome illi l-intimat gie misjub responsabbli ghal ¾ tat-tort, din is-somma trid tigi diviza bl-istess maniera cioe'¾ ta' €433.78 = €332.83

Jirrizulta ukoll illi l-attrici sofriet minn dizabilita' permanenti ta' 10% - Vide rapport mediku tal-Konsulent Massimo Abela.

Jirrizulta illi l-attrici kellha tlieta u sittin sena meta sehh l-incident u ghalhekk kienet pensjonanta.

Din il-Qorti rat u ezaminat l-gurisprudenza normali dwar danni akkordati *arbitrio boni viri* .

Huwa stabbilit illi likwidazzjoni ta' danni, *arbitrio boni viri* hija mistennija u f'waqqitha meta jkun difficli ghall-attur li jipprova, b'mezzi ordinarji, d-danni effettivament sofferti – Vide **Joseph Attard vs Direttur Generali tas-Sahha**, **Qorti tal-Appell** deciza fit-**30 ta'Mejju 2014**.

Madanakollu, l-Qorti taghraf illi ghandha poteri diskrezzjonali li tillikwida telf billi tadopera il-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva – Vide sentenza VolXXXV part III pagna 615 fejn il-Qrati Maltin ggwidaw ruhom fuq l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni:

> ***"vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato";***

Vide ukoll sentenza Vol XXIX Part I pagna 1285; **Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Company Limited** deciza fit-**13 t'Ottubru 2004** per **Onor Imhallef Dr. Philip Sciberras**.

Illi in vista ta' dan, il-Qorti tqis illi ghandha tiffissa l-ammont t'erbat elef Ewro (€4,000) *arbitrio boni viri* ghal 10% dizabilita' permanenti.

Ghalhekk il-porzjon li jrid jithallas mill-intimat ghal kwantu ta' ¾ tat-tort li ghalih jahti huwa tlett elef Ewro (€3,000), dan maghdud ma €332.83 jgib total ta' €3,332.83

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat limitatament; tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament billi tiddikjara illi l-intimat kien

responsabbli ghall-incident de quo kwantu ghal ¾ tat-tort, b'negligenza kontributorja tal-attrici kwantu ghal ¼ tat-tort; tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti ghal €3,332.83; tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-intimat jhallas lill-attrici s-somma ta' €3,332.83

Bl-ispejjez kontra l-intimat u bl-imghax legali li jibda jidekorri mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**